2024/2658

9.10.2024

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2024/2658

tat-3 ta' Ottubru 2024

li jistabbilixxi għeluq tas-sajd għall-merluzz fis-subżoni ġeografiċi 8, 9, 10 u 11 tal-GFCM għall-bastimenti bil-konzijiet tal-qiegħ li jtajru l-bandiera tal-Italja u li għandhom tul totali ta' 18-il metru jew aktar u inqas minn 24 metru

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 tal-20 ta' Novembru 2009 li jistabbilixxi sistema tal-Unjoni ta' kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 847/96, (KE) Nru 2371/2002, (KE) Nru 811/2004, (KE) Nru 768/2005, (KE) Nru 2115/2005, (KE) Nru 2166/2005, (KE) Nru 388/2006, (KE) Nru 509/2007, (KE) Nru 676/2007, (KE) Nru 1098/2007, (KE) Nru 1300/2008, (KE) Nru 1342/2008 u li jħassar ir-Regolamenti (KEE) Nru 2847/93, (KE) Nru 1627/94 u (KE) Nru 1966/2006 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 36(2) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2024/259 ([2]) jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd għall-2024.

(2) Skont l-informazzjoni li rċeviet il-Kummissjoni, l-isforz tas-sajd massimu permissibbli relatat mal-merluzz fis-subżoni ġeografiċi 8, 9, 10 u 11 tal-Kummissjoni Ġenerali tas-Sajd għall-Mediterran (GFCM, General Fisheries Commission for the Mediterranean) u applikabbli għall-bastimenti bil-konzijiet tal-qiegħ li jtajru l-bandiera tal-Italja jew li huma rreġistrati fiha li għandhom tul totali ta' 18-il metru jew aktar u inqas minn 24 metru, jitqies li ntlaħaq għall-2024.

(3) Għalhekk, jeħtieġ li jiġu pprojbiti ċerti attivitajiet tas-sajd għal dak il-grupp ta' stokkijiet.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Eżawriment tal-isforz

L-isforz tas-sajd massimu permissibbli allokat lill-Italja għall-grupp ta' stokkijiet tal-merluzz fis-subżoni ġeografiċi 8, 9, 10 u 11 tal-GFCM għall-2024 imsemmi fl-Anness għandu jitqies li ntlaħaq mid-data stipulata f'dak l-Anness.

Artikolu 2

Projbizzjonijiet

L-attivitajiet tas-sajd għall-istokk imsemmi fl-Artikolu 1 minn bastimenti bil-konzijiet tal-qiegħ li jtajru l-bandiera tal-Italja jew li huma rreġistrati fiha u li għandhom tul totali ta' 18-il metru jew aktar u inqas minn 24-il metru, għandhom jiġu pprojbiti mid-data stipulata fl-Anness. B'mod partikolari għandu jkun ipprojbit li jinżamm abbord, jiġi rilokalizzat, trażbordat jew jinħatt l-art il-ħut minn dak l-istokk maqbud minn dawk il-bastimenti wara dik id-data.

([1]) ĠU L 343, 22.12.2009, p. 1.
([2]) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2024/259 tal-10 ta' Jannar 2024 li jistabbilixxi għall-2024 l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet tal-ħut u għal ċerti gruppi ta' stokkijiet tal-ħut applikabbli fil-Baħar Mediterran u fil-Baħar l-Iswed (ĠU L, 2024/259, 11.1.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/259/oj).

Artikolu 3

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-3 ta' Ottubru 2024.

Għall-Kummissjoni
F'isem il-President
Maroš ŠEFČOVIČ
Viċi President Eżekuttiv

ANNESS

Nru	07/TQ259
Stat Membru	L-Italja
Kodiċi tal-grupp ta' sforz tas-sajd	EFF1/MED2_LL3
Grupp ta' stokkijiet	Merluzz (*Merluccius merluccius*) fil-GSAs 8,9,10 u 11
Bastimenti konċernati	Bastimenti bil-konzijiet tal-qiegħ ≥ 18 m u < 24 m
Data tal-għeluq	Is-7 ta' Settembru 2024